MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 16/2004

**Avviz numru 16/04DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Renato Caruana ID 697158 M**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sebgha mija u sittax il-lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,716.13) rappresentanti ammont minnu dovut inkonnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal tlett mija, disgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm329.82) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21498175 in kwantu ghal mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm184.36) fuq servizz telefoniku 21498174 in kwantu ghal elf, tmin mija u tmienja u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu

(Lm1.858.54) fuq servizz telefoniku 21497170 u in kwantu ghal tlett mija, tlieta u erbghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm343.41) fuq servizz telefoniku 21807806 (skond kif jirrizulta, minn ‘Dok A’ anness ma’ l-Avviz) liema servizzi gew installati fil-fond li jgib l-isem Store No. 5, Triq it-Tarzna, Senglea, respettivament u dana kif jirrizulta minn ‘Dok. B’ anness ma’ l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qieghda tikkundanna lil-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn, seba’ mija, sittax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,716.13), bl-imghaxijiet legali b’effett mit-13 ta’ Jannar, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------